*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 66/2024 it-Tmien Leġislatura

Data: L-Erbgħa, 17 ta' Jannar 2024

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**66.1 Ittri ta'Apoloġija**

66.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Marmara ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi għaldaqstant kellha titniżżel bħala assenti. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista il-Kumitat approva.

**66.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.65**

66.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 65 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**66.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 54**

66.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sur Ismael Dalli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Diċembru 2023 u s-17 ta' Jannar 2024 li kienet tammonta għal €54,374.20.

**66.4 Punti mill-Minuti**

**66.4.1 Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma Infrastruttura Malta qegħdin ilestu l-BOQ fejn ser ikun hemm identifikat fiha spejjeż li jista' jagħmel il-Kunsill, spejjeż li ser tkopri Infrastruttura Malta u spejjeż oħra li ser jiġi mill-Planning Fund.
Semma li hemm il-bieb tax-xelter li idealment jinbidel u jiġi tal-ħġieġ biss pero dan ma jiddependiex mill-Kunsill għaliex irrid japprovaw li jsir dan is-Soċjeta' tal-Mużew.
Semma wkoll li ser isiru xi bankijiet fuq wara tal-knisja.
Is-Sur Chris Pace semma li hemm xi aperturi li jidhru koroh imma huma ta' dar antika u abbandunata, is-Sur Thomas Debattista semma li huwa ġieli kellem lis-sid imma mhux intressat li jibdilhom.
Is-Sindku semma li għalissa m' hemmx ħsieb li jsir monument ta' Enzo Gauci imma ser ikun hemm it-telephone box li ser iġi rilokata u li fiha ser jintwera l-filmat tal-knisja minn ġewwa u xi postijiet oħra t' intress fil-lokal.
Is-sindku semma li f' Mejju ser isiru posters kbar bil-viżwal ta' kif ser tkun qed tidher il-pjazza.
Is-Sindku semma wkoll li hemm komunikazzjoni ma' FACES sabiex jingħataw lill-Infrastruttura Malta d-dimenzjonijiet għall-Bus Shelter ġdida.

**66.4.2 Triq Kurunell Mass**

Is-Sindku semma li din it-triq għadha pendenti u li ser ikun qed jerġa' jikkomunika ma' Infrastruttura Malta.

**66.4.3 Latrini Awtomatiċi**

Is-Sindku semma li l-Perit lesta l-Bill of Quantities u ser ikunu qed jaħdmu biex jitlesta t-tender. Semma wkoll li ser jara jinġabrux kwotazzjonijiet.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **66.4.4 Fondi Norveġiżi** | Is-Sindku semma li ser ikunu qed jiddaħħlu l-pagamenti fis-sistema tas-servizzi li diġa nxtraw. Semma li l-Kunsill ser ikun qed jgħaddi l-ispejjeż tal-VAT kif ukoll il-porzjon tal-ħlas lit-Teżor. Semma li għadu mhemmx konferma li l-fondi addizzjonali mitluba ser jingħataw. Semma li huwa qed jiġbor kwotazzjonijiet sabiex isiru l-balabostri. Semma li ser ikun qed jerġa' jipprova jkellem lil Public Works. |
| **66.4.5 Festa Ħelu** | Is-Sindku semma li l-claim kienet ġiet sottomessa. |
| **66.4.6 Attivitajiet tal-Milied** | Is-Sindku semma li l-festini tal-Milied kienu ta' suċċess. Is-Sindku propona li festini li l-Kunsill iħallas għalihom għandhom ikunu b' xejn sabiex ir-residenti jknu jafu li dak kien organizzat mill-Kunsill. Is-Segretraju spjega li kull dħul li jidħol mill-attivitajiet għandu jiġi rrekordjat fl-accounts tal-Kunsill. |
| **66.4.7 Kerrejja** | Is-Sindku semma li x-xogħol għaddej. Semma li l-blata ser tkun qed tinbidel. Semma li hemm artist li jixtieq jagħti skultura sabiex tkun tista' titpoġġa f' din il-kerrejja. |
| **66.4.8 Rendikont ta' Taxxa** | Is-Sindku semma li l-Kunsill għad irid jara jsibx dokumenti ta' meta nfetaħ dan il-kont ta' Taxxa. Semma wkoll li ntalbet direzzjoni tad-Diviżjoni. Semma li ser ikunu qed jistennew direzzjoni anki mingħand l-awditur. |
| **66.4.9 Contract Manager** | Is-Sindku semma li l-Kunsill waqaf jirċievi kontijiet. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill qabel li gġandha tintbgħat komunikazzjoni ta' terminazzjoni. |
| **66.4.10 Inħawi ta' Ġnien Ovindoli** | Is-Sindku semma li kien wara li kienu ġew misduda xi culverts bil-konkos, iddaħħlet applikazzjoni mal-Public Works sabiex |

jinbeda x-xogħol fuqhom. Semma li sadanittant il-culverts għadhom miżdudin.

Is-Sindku semma li meta l-kuntrattur intalab jissottometti samples tal-prodotti li kien xeħet fl-istadju ta' evalwazzjoni tas-sejħa, dawn ma kienux bħal dawk li ssottometta f' dak l-istadju. Għaldaqtant, kien hemm laqgħa interna u anki oħra mal-kuntrattur sabiex il-prodotti li ser ikunu qed juża jiġu mtejba.

**66.4.11 Ground 5 a side**

Is-Sindku semma li l-kuntrattur ikkopera u ġab sample ta' turf minn kumpanija oħra. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bit-turf skond is-sample li l-kuntrattur ġab il-Kunsill. Semmmew ukoll li d-dawl propost kien skond l-ispeċifikazzjonijiet imma kienu għadhom qed jistennew fuq il-bandla.

**66.4. 12 Triq it-Tempji Neolitiċi**

Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa kemm ma' Transport Malta kif ukoll Infrastruttura Malta. Semma li kien hemm direzzjoni minn Infrastruttura Malta li l-Water Services iqabdu kuntrattur tagħhom sabiex jgħaddi l-ilma mill-ġdid. Semma li s-sistema ta' Drenaġġ mhux ser tinqala' għax jidher li m'hemmx bżonn. Semma li ser isir appuntament mal-Water Services. Semma li din għadha pendenti.

**66.4.13 Triq San Anard**

Is-Sindku semma li din għadha pendenti.

**66.4.14 Triq Lanzon**

Is-Sindku semma li kif mifthiem fl-aħħar laqgħa kemm hu kif ukoll is-Sur Debattista marru għal-laqgħa mar-residenti li għamlu l-petizzjoni. Semma li ħadd ma ġie.

Is-Sindku semma li ser ikunu qed jimxi mad-direzzjoni li tat Transport Malta imma xorta waħda ser jintbgħat komunikazzjoni lil TM sabiex wieħed jispjega abbażi ta' xiex ittieħdet din id-deċiżjoni li jittawlu l-linji sofor.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**66.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2023**

66.5.1 Is-Sindku preżenta r-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2023. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport.

66.5.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista dan ir-rapport ġie approvat kif imressaq.

**66.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-sena 2023**

66.6.1 Is-Sindku semma li l-accountants ma leħqux ikkonkludew. Semma li ser tkun qed issir laqgħa b' urġenza għall-approvazzjoni tar-rapport nhar 19 ta' Jannar 2024.

**66.7 Laqgħa Ġenerali Annwali Diċembru 2023 – 15 ta' Diċembru 2023**

66.7.1 Is-Sindku semma li hu flimkien mas-Sur Debattista u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, marru għal-laqgħa ġewwa s-Sala tal-Kommunita'. Semma li stennew nofs siegħa u baqa' ma ġie ħadd mir-residenti. Semma għaldaqstant, li l-laqgħa ma saritx.

**66.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

| | |
|---|---|
| **66.8.1 Skema LESA** | Is-Sindku semma li l-claim ta' Joanne Gardens kienet intbgħatet u sema li kienet reġgħet fetħet sejħa għall-applikazzjonijiet għall-proġetti.<br>Huwa talab li l-Kunsill japplika għall-proġett sabiex isiru bankini ġodda, aktra sigurta' kif ukoll rinovar ta' street furniture fid-daħla ta' Ħal Tarxien, min-naħa ta' Raħal Ġdid.<br>Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Chris Pace, il-Kunsill qabel li għandha tiġi sottomessa din l-applikazzjoni. |
| **66.8.2 Skema ta' restawr** | Is-Sindku semma li reġgħet ħarġet l-iskema għall-fondi sabiex isir restawr. Huwa propona li għandu jsir restawr fuq il-faċċata taċ-ċimiterju tal-Erwieħ. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill qabel li għandha issir din l-applikazzjoni. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**66.8.3 Skema CCTVs – Reġjun Port**

Is-Sindku semma li l-Kunsill ibbenifika minn sekma tar-Reġjun Port li fiha ser jiġu installati diversi CCTVs. Semma li ser ikunu installati f' dawn it-toroq: Triq San Franġisk, Triq Anġlu Mangion, Triq Mikiel Calleja, Triq Guzeppi Gonzi, Triq Xandru Farrugia.

**66.8.4 Apprezzamet mill-Lokal**

Is-Sur Chris Pace preżenta l-kriterji, kien hemm qbil li nominati għandhom ikunu għexu fil-lokal tul dawn l-aħħar ħames snin. Semmew li għandu jkun hemm board indipendenti u l-ebda Membru tal-Kunsill ma jista' jkun nominat.
Is-Sur Pace għandu jibgħat komunikazzjoni b' dawn il-kriterji irranġati.

**66.8.5 Siġar fil-piċċ tal-boċċi - Tarxien**

Is-Sur Debattista semma li hemm xi siġar fil-piċċ tal-klabb tal-boċċi u li dawn jidhru perikolużi. Talab biex tintbgħat komunikazzjoni lil ERA sabiex jigwidaw lill-kunsill fuq kif ser jitratta din il-problema.

**66.8.6 Triq Sardinja**

Is-Sindku kkonferma talba tas-Sur Pace, fejn staqsa jekk hux ser issiru sinjali ta' parkeġġi ġewwa Triq Sardinja.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**64.9 Aġġornament**

64.9.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**